# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 18 ta' Frar 2018
L-I Ħadd tar-Randan
Sena B

**Introduzzjoni**
Permezz tal-liturġija ta' dan l-Ewwel Ħadd tar-Randan, ser inkomplu mexjin fuq dak li bdejna flimkien nhar l-Erbgħa li għaddiet, fejn tajna bidu għal dan iż-żmien hekk qawwi u qaddis. Fir-Randan il-liturġija tistedinna sabiex inġeddu u nsaħħu l-konverżjoni ta' qalbna lejn Alla biex b'hekk inħejju lilna nfusna biex fil-lejl qaddis tal-Għid nirxuxtaw mill-ġdid ma' Kristu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 9, 8-15)
Alla jeħles lil Noè mid-dilluvju u jagħmel patt miegħu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 24)
Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà.

**It-Tieni Qari** (1 Piet 3, 18-22)
L-ilma tal-Magħmudija jeqred il-bniedem il-qadim u jwelled il-bniedem il-ġdid.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 1, 12-15)
San Mark jippreżenta lil Ġesù bħala dak li jeħodha kontra l-ħażen.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**
Dan iż-żmien tar-Randan joffri ċans biex in-nisrani joqrob tassew lejn Alla permezz tal-għemejjel tajba li jwettaq, b'mod speċjali t-talb u l-karità.
Ejjew mela nressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**
*"Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla."*
Dan il-kliem jilħaq il-milja tiegħu propju f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.